**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A37-09

19 ta' Novembru 2009

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru K5/37</u>**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar il-Ħamis **26 ta' Novembru 2009, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Diskussjoni u approvazzjoni biex jiġi organizzat kuncert klassiku nhar l-Għid fis-Sala tal-Komunita'
6. Diskussjoni u approvazzjoni ta' l-*expression of interest* ta' *crafts & activities co-ordinator*
7. Diskussjoni dwar skemi tal-ġbir ta' l-iskart riċiklabbli
8. Affarijiet Oħra
9. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

22 ta' Diċembru 2009

Ref Nru.Klg5/037

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/37 li saret il-Ħamis 26 ta' Novembru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Ħames membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati**

Il-Kunsillier Joe Camilleri minħabba li kien indispost u l-Kunsillier Ian Micallef.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fid-19 ta' Novembru 2009.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 26 ta' Novembru 2009, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

## 2. Materji Konnessi

**2.1. Paġna Nru: 2 para 2.2. –** Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont u qalet li mill-lista li ntbagħtet mill-*E.T.C.*, sitta kienu dawk li ssottomettew li kienu, Francis J. Anastasi, Christine Bezzina, Sharon Micallef, Bernice Chetcuti, Cher Carmen Fenech u Graziella Gatt. Hi kompliet tgħid, li sa meta saru l-*interviews*, jiġifieri sat-3 ta' Novembru 2009, Cher Carmen Fenech u Graziella Gatt ma ġewx għax ma kienux aktar interessati, filwaqt li Francis J. Anastasi u Christine Bezzina biss attendew għall-*interviews* għaliex Sharon Micallef infurmat li kellha *interview* oħra u Bernice Chetcuti kienet indisposta. Miż-żewġ *interviews* li saru, l-Kunsill kien qed jirrakkomanda lil Christine Bezzina abazi tal-karattru, disponibilita' u personalita'. Hi qalet ukoll, li peress li t-talba tal-Kunsill kienet għal żewġ *part-timers*, kienet talbet lill-*E.T.C.* biex jissottomettu l-lista ta' *Part 3c2* liema lista, kienet intbagħtet u l-*E.T.C.* stess kienet tagħthom sas-27 ta' Novembru 2009, sabiex jissottomettu il-*C.V.* tagħhom.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li tintagħżel Christine Bezzina.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li f'dan l-istadju, irid isir *refurbishment* ta' l-uffiċċju amministrattiv sabiex ikun jista' jakkomoda liż-żewġ *part-timers* kif ukoll, is-sistemi ta' *I.T.* (eskluż it-tlett *P.C.* tal-ħaddiema) u l-*communications* ma kienux qed jiffunzjunaw tajjeb (*outdated*) u għalhekk, kienet qed titħejja stima tax-xogħol neċessarju.

**2.2. Paġna Nru: 3 para 2.4. – Dawl tal-Milied**

Il-Viċi-Sindku qal, li kien iltaqa' ma' rappreżentanti tas-Soċjeta' Filarmonika Stella Maris u x-xogħol kien miexi skont il-kwotazzjoni sottomessa.

**2.3.** Iċ-*Chairman* talab biex tiġi sospiża l-Aġenda minħabba l-fatt, li kienu ġew tlett residenti minn Triq Reggie Miller dwar l-*issue tal-bring-in-sites*.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

Iċ-*Chairman* informa, li sa dak in-nhar tal-laqgħa jiġifieri sas-26 ta' Novembru 2009, il-Kunsill ma kien irċieva ebda risposta mill-A.D.T. dwar il-linji ta' gwida mitluba.

Il-Viċi-Sindku qal, li peress li l-Kunsill kien qabel fil-prinċipju li l-*bring-in-sites* għandhom jiżdiedu u mhux jiġu eliminati, kemm hu kif ukoll, il-Kunsillier Anthony Abela kienu għamlu *site visits* fi Triq Reggie Miller sabiex tinstab soluzzjoni għal din il-problema. Huwa kompla jgħid, li kien kellem lil Stephen Farrugia li huwa l-kuntrattur tal-ġbir tal-*bring-in-sites* (mqabbad mid-ditta *Green M.T.*) u qablu, li l-post alternattiv fejn dawn setgħu jitpoġġew kien, kif toħroġ minn Triq Reggie Miller minn naħa ta' minn fejn joħorġu l-vetturi u mhux minn fejn jidħlu.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li dawn il-*bring-in sites* jitpoġġew fis-sit hawn fuq imsemmi għall-perjodu ta' prova.

**2.4.** Iċ-*Chairman* qal, li fit-18 ta' Novembru 2009, kien iltaqa' mal-membri kollha tal-*Gżira United Football Club* u flimkien kienu ltaqgħu mas-Sur Alfred Grixti, Surmast ta' l-iskola Sekondarja. Huwa kompla jgħid, li matul din il-laqgħa kien intlaħaq ftehim bejn il-Kunsill Lokali u l-iskola Sekondarja sabiex il-klabb tal-futbol ikun jista' juża l-*ground* għat-*training* kif ukoll, biex jiġi nstallat *FIFA 2 star Artificial Turf*. Huwa qal ukoll, li l-estimi mibgħuta mid-ditta 389 Ltd għax-xogħol kollu nvolut kienet ta' €78,680.00.

Il-*Gżira United football Club* kienu kitbu lill-*M.F.A., Good Causes Fund*, Kunsill Malti għall-Isport u lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport kif ukoll, lill-Kunsill Lokali. Iċ-*Chairman* qal, li għalkemm il-Kunsill għandu jgħin minħabba l-fatt, li dan huwa proġett li ser igawdu minnu t-tfal tal-Gżira pero' fl-opinjoni tiegħu, jkun aħjar jekk il-Kunsill jistenna x'risposti ser jirċievu mingħand l-i*sponsors* hawn fuq msemmija u wara jintervjeni l-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-opinjoni taċ-*Chairman*.

**2.5.** Iċ-*Chairman* ta rendikont tal-laqgħa li kellu mal-kuntrattur Jimmy Vella li kien qed jidher għan-nom tad-ditta *Vella Group* u l-Avukat tiegħu Kenneth Grima dwar ix-xogħlijiet li saru mid-ditta hawn fuq imsemmija għan-nom ta' l-entita' *GO plc* dwar *manhole cover* li kienet qed tagħmel ħafna ħsejjes fi Triq D'Argens Gżira
Huwa kompla jgħid, li matul il-laqgħa, Jimmy Vella fost affarijiet oħra ammetta l-offiżi kollha u talab skuża u qal, li l-problema tiegħu kienet il-*blacklisting* minn naħa tal-Kunsill għax id-ditta *GO plc* kienet ħafritlu. Qal ukoll, li l-Avukat Kenneth Grima kien kellem lill-Kunsillier Ian Micallef fejn dan ta' l-aħħar kien qallu li ma kien isib ebda oġġezzjoni li titneħħa l-*blacklisting*. Iċ-*Chairman* kien infurmahom, li l-Kunsill qatt ma kien ha passi simili fir-rigward ta' ebda kuntrattur u għamililhom ċara li kienet deċiżjoni mill-Kunsill kollu u mhux politikament. Għaldaqstant, kien qed jipproponi li jitneħħa l-*blacklisting* lill-kuntrattur Jimmy Vella għan-nom tad-ditta *Vella Group*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li bla dubju tirrispetta d-deċiżjoni tal-Kunsill pero', l-kuntrattur mhux talli ma talabx skuża iżda giddeb lill-ħaddiema tal-Kunsill meta qal, li ma kienux il-Kunsill fattur, li kien ikkonfermat mill-Kunsillier Joe Camilleri u anke kkonfermat fl-istess laqgħa. Hi kompliet tgħid, li fir-rispett ta' dak li kien informa l-Avukat Grima lis-Sindku dwar id-deċiżjoni tal-Kunsillier Ian Micallef, il-Kunsill ma kienx infurmat biha.

Wara diskussjoni qasira, fejn fost affarijiet oħra l-Kunsillier Malcolm Camilleri qal, li hu kien jaqbel ma' dak li ppropona ċ-*Chairman,* l-Kunsillier Anthony Abela qal, li hu ma kienx jaqbel u l-Viċi-Sindku qal, li dan kien l-ewwel inċident li kellu l-Kunsill u kien jaqbel maċ-*Chairman* li jitneħħa l-*blacklisting* fil-kuntest ta' *warning* u dan invista ta' l-ispjegazzjoni mogħtija aktar qabel miċ-*Chairman*, li Jimmy Vella li kien qed jidher għan-nom tad-ditta *Vella Group,* kien diġa' ha xi forma ta' piena minn naħa tal-Kunsill.

Għalhekk, il-proposta li ppropona ċ-*Chairman* tressqet għall-votazzjoni u rriżultat kien erba' favur li kienu ċ-*Chairman*, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Malcolm Camilleri u Victor Rutter u wieħed kontra li kien l-Kunsillier Anthony Abela.

Għaldaqstant, b'eżitu ta' dan ir-riżultat, il-*blacklisting* fir-rispett tal-kuntrattur Jimmy Vella li kien qed jidher għan-nom tad-ditta *Vella Group* minn naħa tal-Kunsill, kellu jitneħħa.

**2.6.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għalkemm hi kienet bagħtet diversi *e-mails* u għamlet diversi telefonati, d-ditta *Asfaltar Ltd* li kienet imqabbda mill-i*Storm Valley Unit* fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u affarijiet Rurali, xorta waħda t-tindif fi Triq Sliema kien baqa' ma sarx.

Iċ-*Chairman* qal, li din il-materja kien ser jeħodha f'idejh u jagħmel kuntatt hu ma' l-Awtoritajiet konċernati.

**2.7.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll, li bejn it-30 ta' Novembru u l-4 ta' Diċembru 2009, kien ser isir *major patching* mill-Gvern Ċentrali fi Triq ix-Xatt.

**2.8.** Il-Kunsill qabel unanimament li jiġu diskussi items Nru: 4 - 5 - 6 ta' l-Aġenda.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1475 sa Nru: 1526 (Ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll, għall-approvazzjoni tal-Kunsill dawn il-pagamenti:

| | |
|---|---|
| Nathalie Camilleri – Librara | €234.78 |
| *Rausi Trading Ltd.* | €149.74 |
| *Mita* | €29.05 |
| *Road Maintenance Serv. Ltd.* | €2,902.25 |
| Perit Joe Bugeja | €116.09 |

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-Auditur tal-Gvern, s-Sur Joe Scerri kien informaha li għalkemm kien ta' l-informazzjoni meħtieġa lill-*Accountant* tal-Kunsill,s-Sur Antoine Portelli, sabiex jitlestew il-*Financial Statements*, dan ma għamilhomx u ma kellux alternattiva oħra ħlief li jagħmel ix-xogħol hu personalment, għal liema xogħol, kien ser jitlob ħlas u dan bl-approvazzjoni ta' l-*N.A.O.* Hi kompliet tgħid, li s-Sur Scerri kien infurmaha, li waqt laqgħa li kellu mas-Sindku u l-Viċi-Sindku, kien għarrafhom bil-każ u dawn ma kienu sabu ebda oġġezzjoni għall-ħlas.

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 1475 sa Nru. 1526 inkluż il-ħlasijiet msemmija f'paragrafu 4.2. kif ukoll, dwar il-ħlas hawn fuq imsemmi, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni biex jiġi organizzat kunċert klassiku nhar l-Għid fis-Sala tal-Komunita'**

**5.1.** Il-Viċi-Sindku qal, li għalkemm l-*Activities Centre* kien qed jilħaq l-iskop tiegħu u kienu qed isiru diversi attivitajiet, huwa xtaq li s-Sala tal-Komunita' ukoll tibda tintuża għall-attivitajiet ta' ċertu livell u għalhekk kien qed jissuġġerixxi li nhar il-Għid jsir kunċert bid-daqq tal-vjolin u strumenti simili matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Sotto-Kumitat biex jiddiskuti u jitħejja programm.

**6. Diskussjoni u approvazzjoni ta' l-*Expression of Interest* ta' *Crafts & Activities Co-Ordinator***

**6.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li rigward is-suġġett hawn fuq imsemmi persuna waħda kienet ssottomettiet, li kienet Sandra Galea.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li Sandra Galea

għandha tibda b'effett immedjat għall-ammont ta' €375 fix-xahar VAT inkluża għall-minimu ta' tmien siegħat fil-ġimgħa u l-kuntratt jiġi rivedut kull sena. Il-Kuntratt jiġi terminat bil-kundizzjoni li jiġu finalizzati proġetti kurrenti u/jew dawk pjanati.

**7. Diskussjoni dwar skemi tal-ġbir ta' l-iskart riċiklat**

**7.1.** Il-Kunsill iddeċieda unanimament li s-suġġett hawn fuq sopraċitat, jiġi diskuss fl-laqgħa oħra.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-26 ta' Novembru 2009 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien wasal l-aħħar rapport ta' l-ispezzjonijiet dwar il-Latrina Pubblika li jkopru Diċembru 2009 sa Marzu 2010 u li kien wieħed tajjeb ħafna.

**3.4.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill estimi mibgħuta mill-Koperativa Tabelli u Sinjali tat-Traffiku (il-kuntrattur preżenti tal-Kunsill) dwar mija u erba' tabelli tat-traffiku kemm fuq *poles* kif ukoll, fuq *brackets* u mera fuq *pole,* li minn stħarriġ li għamel il-Kunsill, kienu nieqsa fil-lokalita' għall-ammont ta' madwar €3,258.48 VAT inkluża.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li dan ix-xogħol isir għall-ammont hawn fuq imsemmi.

**3.5.** Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' ittra mibgħuta fl-10 ta' Novembru 2009, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li mill-1 ta' Novembru 2009, id-Dipartiment aċċetta t-talba tal-Kunsill li l-librara li preżentament kienet impjegata fuq bażi *part-time*, mad-Dipartiment tal-Libreriji u l-Arkivji, tiġi mpjegata ukoll, fuq bażi *part-time* mal-Kunsill biex tkun tista' titħallas tas-siegħat żejda li taħdem.

**3.4.** Iċ-*Chairman* informa li fit-30 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill kien irċieva ittra mibgħuta mill-Avukat Marisa Azzopardi tad-ditta Camilleri Preziosi biex jitneħħa l-*Bus Shelter* u l-*Bus fare Stage* fi Triq D'Argens fuq propjeta' privata. Huwa kompla jgħid, li kopja ta' din il-korrispondenza ntbagħtet lill-

Avukat Woods sabiex jikkomunika għan-nom tal-Kunsill ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta filwaqt li jigwida lill-Kunsill dwar l-azzjoni neċessarja, jinfurmaw min kien responsabbli għar-ri-allokazzjoni ta' *bus shelters* u *bus fare stages.*

**3.6.** Rigward il-*loading/unloading bay* fi Triq il-Flotta quddiem *Matthew's Confectionery*, is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li sa dak in-nhar jiġifieri sas-26 ta' Novembru 2009, il-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda risposta mingħand il-Pulizija u li x-xogħol kien sar mid-ditta B.Grima & Sons li skont dawn ta' l-aħħar, dan ix-xogħol ġie mogħti lilhom mis-Sur Saviour Farrugia f'ħdan l-A.D.T.

Hi kompliet tgħid, li għalkemm pruvat tagħmel kuntatt mas-Sur Farrugia ma rnexxiliex madanakollu, kienet tkellmet mal-Perit Godwin Zammit li minkejja li jaħdem fl-istess uffiċċju ma kienx responsabbli minn dawn l-approvazzjonijiet. Il-Perit Zammit kien informa, li s-Sur Farrugia awtorizza emenda f'din il-*loading/unloading bay* għall-metraġġ ta' tnax –il metru fit-tul tagħha liema kejl, kellu ikopri żewġ u mhux erba' *parking bays.* Il-Perit Zammit qal ukoll, li kien fir-responsabbilita' tas-Sur Farrugia li jivverifika li l-kuntrattur jagħmel ix-xogħol skont l-istruzzjonijiet mogħtija minnu.

Fil-fratemp, hi kienet bagħtet *e-mail* lill-Perit Lara Demicoli ta' l-A.D.T. fejn din ta' l-aħħar kkonfermat li ma kellha ebda talba għal xi emendi u mit-*TMU database*, l-uniku żewġ *approvals* li kellhom kienu, waħda faċċata *St. John's Butcher* u oħra ħdejn il-*Beauty Parlour*, fit-triq hawn fuq imsemmija.

Invista ta' dan iċ-*Chairman* qal, li kien ser jieħu din il-materja f'idejh u jikkomunika dan il-fattur ma' l-Awtoritajiet konċernati u jinforma bih lill-entitajiet kummerċjali tal-lokalita'.

**3.7.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sur Cilia għan-nom ta' l-Għaqda Dilettanti Sajjieda Gżira, kien informa lill-Kunsill li kienet twaħlet *green notice* tal-Mepa biex ssir *water taxi* u *refurbishing* ta' l-*area* fejn hemm l-irmiġ tad-dgħajjes. Hi kompliet tgħid, li kienet infurmat lill-Perit sabiex jissottometti aktar informazzjoni u sal-laqgħa, l-Kunsill kien mgħarraf, li din l-applikazzjoni kienet saret mill-Perit Joseph Bugeja għan-nom ta' Dott. Stanley Portelli tal-*Malta Maritime Authority*.

**3.8.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**8. Affarijiet Oħra**

**8.1.** Il-Kunsill qabel unanimament li d-data kemm ta' l-attivita' tal-ħaddiema li ssir kull sena kif ukoll l-attivita' li ssir għall-membri tal-Kunsill flimkien ma' l-impjegati tal-Kunsill, l-Periti, l-Avukati, l-*Accountant* u l-*Contract Manager*, jiġu kkonfermati permezz tat-*telephone* lill-Kunsillieri.

**9. Laqgħa oħra**

**9.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K341/119/09**

**26 November 2009 KLG5/36**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| **1475** | **G4S Security Services (Malta) Ltd Inv. 032899 – Oct. 09** | **38.06** | **6337** |
| **1476** | **J.F. Mallia Ltd inv.267 single & U shape bollard in various streets** | **258.00** | **6368** |
| **1477** | **J.F. Mallia Ltd inv.275 maint ta' bozoz-job Nos: 83-87-88-89-90-91-93 94-95-96-97-98-99** | **470.25** | **6367** |
| **1478** | **Union Print Co. Ltd. Advert Crafts Invoice No: A1001377** | **68.91** | **6338** |
| **1479** | **13 Distributions Ltd inv.2421 Distribution of flyers Ġnien** | **153.40** | **6339** |
| **1480** | **The Toolbox inv. 9113-9129-9154** | **149.47** | **6340** |
| **1481** | **C.S.D. inv. 28147- stationery** | **115.42** | **6341** |
| **1482** | **Kappillan – advert Diary 2010 approved laqgħa 29.10.09** | **35.00** | **6272** |
| **1483** | **Sierra Book Distributors inv. 66206 approved laqgħa 29.10.09** | **6.80** | **6342** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1484** | **Environmental Landscapes Cons. Inv main of soft areas October 2009** | **2,212.92** | **6343** |
| **1485** | **Austin Muscat Granite & Marble Works bronze letters mon. Gerry Zammit** | **42.00** | **6331** |
| **1486** | **Austin Muscat Granite & Marble Works marble plaque – Ġnien Kunsill Ewropa** | **880.00** | **6331** |
| **1487** | **Dept for Local Govt. advert in the Malta Independent re Crafts Exp of Interest** | **50.00** | **6332** |
| **1488** | **Polidano Bros. a/c embellishment of Ġnien – approved 29.10.09** | **3,800.10** | **6278** |
| **1489** | **Ta' Falzon Land Rovers Ltd inv. 012686 Hire of Tower Ladder + Driver & Fuel** | **100.00** | **6276** |
| **1490** | **Alberta – inv. 30061768 annual service for 2 fire extinguishers** | **16.87** | **6344** |
| **1491** | **Local Council's Association – Laqgħa għas-Sindki – 6/7 November 09** | **130.00** | **6275<br>6279** |
| **1492** | **Solutions invoice No: 01G/09 – 6 CCTV Dummy Cameras** | **141.00** | **6345** |
| **1493** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.12061 job No: 8182 Traffic signs** | **569.24** | **6375** |
| **1494** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.12137 job No: 9230 Road Markings** | **850.00** | **6373** |
| **1495** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.12139 job No: 9232 Road Markings** | **321.95** | **6374** |
| **1496** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.12140 job No: 9233 Road Markings** | **38.57** | **6372** |
| **1497** | **Squire Bookshop inv. 7085 N/papers October 2009** | **36.22** | **6346** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1498** | **Makaw Ironmongery inv. 15694 – 30 Energy Saving Lamps – Ġnien** | **207.00** | **6371** |
| **1499** | **Powerhouse Ltd. Inv. 29 Lighting in Gżira Gardens – 31.10.09** | **1,150.00** | **6333** |
| **1500** | **Antoine Portelli – Accountant invoice GLC001/09 preparation of Financial Statements & meetings Council** | **500.00** | **6347** |
| **1501** | **GO plc inv.22751536 – tel: 21334254 21341034 Calls Oct. Rent Nov. 09** | **61.53** | **6317** |
| **1502** | **GO plc inv.22751546 – tel: 21341616 Calls Oct. Rent Nov. 09** | **25.21** | **6316** |
| **1503** | **Geordie De Bono re: 31.10.2009** | **118.00** | **6318** |
| **1504** | **GO plc inv.22752286 tel: 21322157 Calls Oct. Rent Nov. 09** | **281.51** | **6315** |
| **1505** | **Merlin Library Ltd inv. 037341 - Library Books** | **105.78** | **6348** |
| **1506** | **Merlin Library Ltd inv. 037373 - Library Books** | **57.93** | **6349** |
| **1507** | **Merlin Library Ltd inv. 037142 18 Books Ktieb Teżor** | **83.92** | **6350** |
| **1508** | **Alfa Co. Ltd inv. 57428 repairs & rentals – 13.09.09-12.10.09** | **170.19** | **6351** |
| **1509** | **Alfa Co. Ltd. Inv. 57492 Eco Tax re Toner for photocopier** | **2.75** | **6352** |
| **1510** | **Alfa Co. Ltd – Service ID 55691 repair fax machine** | **CANCELLED** | |
| **1511** | **Melita Cable plc – 01.11.09/31.12.09** | **23.30** | **6334** |
| **1512** | **C.S.D. Office Trade – inv.28378 A4 copy paper** | **15.87** | **6353** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1513** | **Union Print Ltd – inv.P1000891 – 50 receipt books.** | **204.14** | **6354** |
| **1514** | **Mr. Joe Borg inv. 07 Duck Food for the month of November 2009** | **46.58** | **6355** |
| **1515** | **Merlin Library Ltd inv.037201 – 2 vouchers – 31.10.09** | **120.00** | **6356** |
| **1516** | **Em. Mifsud inv.04 Door to Door Collection November 2009** | **5590.50** | **6357** |
| **1517** | **Em. Mifsud inv.05 Hire of Skips November 2009** | **432.87** | **6358** |
| **1518** | **Em. Mifsud inv.06 Public Convenience November 2009** | **836.06** | **6359** |
| **1519** | **Em. Mifsud inv.07 Service of Bulky Refuse for the month of October 09** | **996.27** | **6360** |
| **1520** | **Steve R. Farrugia inv.122 Sunday Street Sweeping Oct. 09** | **378.52** | **6361** |
| **1521** | **Steve R. Farrugia inv. 126 Street Sweeping grass cutting & Mechanical sweeper – 11.50 hrs re activ. 31.10.09** | **5,178.15** | **6362** |
| **1522** | **David Grasso Hire of P.A. System & Installation of whole system – 31.10.09** | **370.00** | **6363** |
| **1523** | **White Bros. Ltd. Inv. 128527 – Transport of 1 Van Load from Luqa to Gżira re palk 31.10.09** | **141.60** | **6364** |
| **1524** | **Water Services Corporation – inv. 11357544-6 Promenade Garden 18.05.09 – 17.09.2009** | **149.50** | **6365** |
| **1525** | **Water Services Corporation inv. 11357497-9 Gżira Gardens period 18.05.09 – 17.09.09** | **758.76** | **6366** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1526** | **Melita Cable plc inv.27795391 – Hello Service 08/11/09 – 07/12/09** | **184.70** | **6330** |